GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

# Eżami ta' Kwalifikazzjoni għal Learning Support Educators Supplimentari

# Ġunju 2026

**Suġġett:** Malti

**Data:** 23 ta' Ġunju 2026

**Ħin:** 16:00 – 17:30 (Siegħa u tletin minuta)

**Istruzzjonijiet ġenerali:**

**Din il-karta tal-eżami fiha ERBA' taqsimiet: Taqsima 1,2,3 u 4.**
**Il-kandidati jridu jwiġbuhom KOLLHA skont l-għażla indikata.**
**Il-kandidati huma mħeġġa jaqraw sew l-istruzzjonijiet f'kull taqsima.**
**Il-marki għal kull mistoqsija jidhru fil-parentesi.**

**It-tweġibiet ta' kull taqsima għandhom jinkitbu fuq il-ktejjeb ipprovdut.**

**Taqsima 1: Il-Komponiment** **(35 marka)**

Agħżel titlu minn dawn u ikteb komponiment ta' 350 kelma.

a) Il-ħajja tal-lum qed tnaqqas il-ħin mal-familja. Iddiskuti.

*jew*

b) L-ewwel darba li attendejt avveniment kbir. Iddeskrivi.

**Taqsima 2: Fehim mill-Qari** **(25 marka)**

Aqra sew dan it-test u wara aħdem it-taħriġ fuqu.

**Greenland**



Greenland, magħrufa wkoll bħala Kalaallit Nunaat, hija territorju vast li jinsab bejn l-Oċean Atlantiku tat-Tramuntana u l-Oċean Artiku. Minkejja li hija ġeografikament qrib l-Amerika ta' Fuq, politikament tibqa' parti mir-Renju tad-Danimarka, filwaqt li tgawdi livell għoli ta' awtonomija interna. Dan jagħmilha eżempju interessanti ta' bilanċ bejn identità nazzjonali u dipendenza politika.

Greenland hija l-akbar gżira fid-dinja u għandha popolazzjoni żgħira ta' madwar 56,000 persuna biss. Il-kapitali tagħha hija Nuuk.

Il-klima ta' Greenland hija artika, b'xitwa twila u kiesħa ħafna u sajf qasir u frisk. F'xi partijiet, it-temperatura fix-xitwa tista' tinżel sa 30°C taħt iż-żero. Barra minn hekk, il-pajjiż jesperjenza fenomeni naturali bħall-"midnight sun", fejn ix-xemx tibqa' tidher għal diversi sigħat matul is-sajf.

Wieħed mill-aktar elementi distintivi ta' Greenland huwa l-kopertura vasta tas-silġ tagħha, li tkopri madwar 80% tal-wiċċ tal-gżira. Dan is-saff enormi ta' silġ mhux biss jiddomina l-pajsaġġ, iżda għandu wkoll importanza konsiderevoli fil-kuntest tat-tibdil fil-klima globali. Riċerka xjentifika turi li t-tidwib mgħaġġel tas-silġ qed jikkontribwixxi għal żieda fil-livell tal-baħar, b'konsegwenzi potenzjalment serji għal komunitajiet kostali madwar id-dinja.

Il-kundizzjonijiet klimatiċi estremi ta' Greenland jillimitaw ħafna l-attività umana. It-temperaturi baxxi ħafna, ix-xitwa twila u d-dlam fit-tul joħolqu ambjent diffiċli għall-ħajja. Għaldaqstant, il-maġġoranza tal-popolazzjoni tgħix tul il-kosta, fejn il-kundizzjonijiet huma kemxejn aktar

favorevoli. Il-ħajja ta' kuljum hija addattata u limitata għal dawn iċ-ċirkostanzi, u tirrifletti relazzjoni qawwija u dipendenti ħafna fuq in-natura.

L-ekonomija ta' Greenland tibqa' relattivament limitata u dipendenti fuq is-sajd, li jirrappreżenta sors ewlieni ta' dħul. Madankollu, hemm interess dejjem jikber fl-iżvilupp ta' setturi oħra, bħat-turiżmu u l-minjieri. Dan iqajjem mistoqsijiet importanti dwar kif jista' jinkiseb żvilupp ekonomiku mingħajr ma ssir ħsara lill-ambjent fraġli.

Il-popolazzjoni, li hija prinċipalment Inuit, għandha wirt kulturali rikk u distint. Il-lingwa u t-tradizzjonijiet tagħhom huma marbuta mill-qrib mal-ambjent naturali. Minkejja l-influwenzi esterni, hemm sforz kontinwu biex tiġi ppreservata l-identità kulturali.

B'kollox, Greenland hija territorju ta' kuntrasti: bejn tradizzjoni u modernità, bejn l-iżvilupp u l-konservazzjoni, u bejn l-indipendenza u d-dipendenza. Il-futur tagħha se jiddependi fuq kif dawn il-forzi jiġu bbilanċjati. B'mod ġenerali, Greenland hija post uniku fejn in-natura, il-klima u l-ħajja umana huma marbuta mill-qrib. Il-bidliet ambjentali li qed iseħħu hemmhekk għandhom importanza mhux biss għall-abitanti tagħha, iżda għad-dinja kollha.

**A. Wieġeb il-mistoqsijiet fuq dak li għadek kif qrajt:**

1. Greenland għandha pożizzjoni politika speċjali għax

a. filwaqt li tifforma parti mir-Renju Daniż, tgawdi livell ta' awtonomija interna.
b. tinsab bejn żewġ oċeani importanti.
ċ. hija l-akbar gżira fid-dinja bi ftit abitanti.
d. tinsab fil-mira taż-żewġ superpotenzi dinjin. (2 marki)

2. Is-saff tas-silġ ta' Greenland jaffettwa lid-dinja kollha għax

a. jista' jkollu effett fuq il-provvista tal-ilma tax-xorb tal-pjaneta kollha.
b. taħtu hemm ħafna minjieri u minerali importanti għall-ekonomija dinjija.
ċ. it-tidwib mgħaġġel tas-silġ qed iħalli konsegwenzi fuq il-livell tal-ibħra fid-dinja.
d. joffri spettaklu naturali uniku li jiġbed bosta turisti kull sena. (2 marki)

3. Fejn tgħix il-maġġoranza tal-popolazzjoni ta' Greenland u għaliex tgħix hemm? (2 marki)

4. Semmi settur ekonomiku EWLIENI u ieħor EMERĠENTI. (2 marki)

5. Greenland hija eżempju ta' bilanċ bejn identità u dipendenza politika. Għaliex taħseb li dan hu minnu? (2 marki)

6. Ikteb fuq kif il-kundizzjonijiet klimatiċi taħseb li jikkundizzjonaw il-ħajja ta' kuljum. Agħti **TLIET** eżempji. (3 marki)

7. Għaliex nistgħu ngħidu li l-poplu Inuit għandu l-identità tiegħu? Semmi **ŻEWĠ** fatturi. (2 marki)

8. Taħseb li Greenland għandha tagħti prijorità lill-iżvilupp ekonomiku jew lill-protezzjoni ambjentali? Ikteb madwar 50 kelma u ġġustifika t-tweġiba tiegħek b'argumenti sostnuti mis-silta.

(5 marki)

**B. Għarfien il-Lingwa**

1. Liema **kelma** milll-**ewwel** paragrafu tas-silta għandha din it-tifsira? (3 marki)

a. kbir ħafna.
b. saltna.
ċ. tmexxija indipendenti.

2. Agħti **kelma**/**frażi** bl-istess tifsira għal dak bil-**grassett** fis-silta ta' hawn taħt. (2 marki)

B'mod ġenerali, Greenland hija **post** uniku fejn in-natura, il-klima u l-ħajja **umana** huma marbuta mill-qrib. Il-bidliet ambjentali li qed **iseħħu** hemmhekk għandhom importanza mhux biss għall-**abitanti** tagħha, iżda għad-dinja kollha.

**Taqsima 3: Il-Kitba ta' Rapport** **(20 marka)**
Agħżel titlu minn dawn u ikteb rapport ta' 80 kelma.

a) Is-Surmast talbek tikteb rapport dwar inċident fil-bitħa tal-iskola, fejn fih kien involut l-istudent/a li hu/hi taħt ir-responsabbiltà tiegħek.

*Jew*

b) Il-Kunsill Lokali għadu kemm inawgura ġnien ħdejn l-iskola li fiha int impjegat/a. Ikteb rapport dwar dan l-avveniment.

**Taqsima 4: Il-Kitba ta' Ittra** **(20 marka)**
Agħżel titlu minn dawn u ikteb ittra elettronika ta' 80 kelma.

a) Inti s-segretarju/a tal-Kunsill Lokali tar-raħal tiegħek. Diġà ktibt ittra elettronika, f'isem il-Kunsill, lid-Dipartiment tat-toroq fuq l-istat ħażin ta' xi toroq fir-raħal tiegħek. Fiha ilmentajt fuq l-għadd ta' problemi li għandkom u fuq in-nuqqas ta' għajnuna min-naħa tal-istess dipartiment. Ikteb ittra elettronika ta' tfakkira. **Fl-ittra elettronika uża dawn id-dettalji**:
Ismek: Marisa *jew* Adrian Deguara,
L-indirizz tiegħek: marisa@halmusi.com *jew* adrian@halmusi.com
L-indirizz tad-Dipartiment tat-toroq: kuntatt@toroq.com

*Jew*

b) Inti membru f'għaqda li tħares l-ambjent. Ġiet imwaqqfa biex titqajjem kuxjenza favur il-kampanja fir-raħal fejn toqgħod. Dan l-aħħar qed tinnota li din l-għaqda qed taqta' lura. Ikteb ittra elettronika lill-President tagħha fejn fiha tħeġġiġha biex tintroduċi attivitajiet ġodda. **Fl-ittra elettronika uża dawn id-dettalji**:
Ismek: Maria *jew* David Vella,
Isem il-President: Amanda Agius
L-indirizz tiegħek: maria@zmail.com *jew* david@zmail.com
L-indirizz tal-President: amanda@ambjent.com

## TMIEM IL-KARTA